MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Joseph Galea
vs
Kalaxlokk Company Limited, Onorevoli Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni, Direttur tax-Xogholijiet Pubblici, N.O.V.I.T.A. Construction Company Limited u Direttur tas-Sigurta` Socjali

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' Ottubru 1990, huwa kien sofra ingustizzja f'li gie trasferit lura mal-Gvern wara li kien wegga' fuq ix-xoghol mal-kumpanija Kalaxlokk Company Limited.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrent kien impjegat mal-Public Works Department.

Illi fl-4 ta’ Novembru 1981 huwa kien gie sekondat mal-kumpanija Kalaxlokk Company Limited fejn kien jaghmel hafna overtime, kellu hafna allowances u paga ahjar minn mal-Gvern.

Illi fil-11 t’Ottubru 1990, ir-rikorrent kien wegga’ fuq ix-xoghol, meta kien qed jahdem fuq gaffa fuq il-breakwater. Huwa ma’ impjegat iehor Noel Duca kienu qeghdin inizzlu battery minn naha ghall-ohra tal-Break Water biex ighabbuha fuq il-jeep, meta f’daqqa wahda minhabba t-toqol ir-rikorrent kien hass tingiz u ugiegh kbir f’idejh ix-xellugija. B’din l-injury ‘l ghada kienet zviluppatlu bocca fuq idejh ix-xellugija. Huwa b’din l-injury kien sofra dizabilita’ permanenti kif certifikat mill-Profs. Dr. John E. Casaletto ta’ 9%.

Illi r-rikorrent kien dam barra bl-injury leave xi gimghatejn u jumejn wara li dahal xoghol kien gie trasferit lura mal-Public Works Department. Illi l-Union tar-rikorrent kienet ressqet il-kaz tieghu ma’ kazi ohrajn lill-kumpanija (Dok B) u ghalkemm ic-Chairman tal-kumpanija kien irrisponda li l-kumpanija se tidhol fil-kaz (Dok C) baqa’ ma sar xejn u r-rikorrent kien baqa’ jahdem mal-public Works Department. Illi r-rizultat ta’ dan, barra li kien sofra dizabilita` permanenti, ir-rikorrent kien tilef hafna flus fi tnaqqis fis-salarju kif ukoll telf fl-overtime u fl-allowances li kien jithallas mal-kumpanija intimata.

Illi ghalkemm kien ressaq il-kaz tieghu darbtejn quddiem id-Direttur tas-Sigurta’ Socjali (Dok D) huwa sal-lum ghadu ma nghata l-ebda kumpens ghad-dizabilita` permanenti li kien sofra.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata

rimedju billi jigi ordnat li jithallas kumpens ghad-dizabilita` permanenti li sofra, li jigi kkumpensat tal-flus li tilef f'paga, allowances u overtime kif ukoll li jerga' jigi sekondat mal-Kalaxlokk Company Limited jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000 jew somma verjuri.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti prezentati.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tas-socjeta' N.O.V.I.T.A. Construction Company Limited li eccepiet:

Illi hi qatt ma kellha ebda rapport guridiku jew kontrattwali tar-rikorrent Joseph Galea fl-epoka tal-allegati fatti u ghalhekk ghandha tigi liberat mill-osservanza tal-giudizzju, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tas-socjeta` Kalaxlokk Company Limited li eccepiet:

Illi r-rikorrent ilmenta li hu kien sofra ingustizzja ghax kien gie trasferit lura mal-Gvern mill-Kalaxlokk wara li wegga' fuq ix-xoghol.

Illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jiddeciedi dwar it-talba tar-rikorrent stante li fir-realta` t-talba tar-rikorrent tirrigwarda biss it-terminazzjoni tas-secondment tieghu minn mal-kumpanija. Ir-rikors tar-rikorrent ma jhalli l-ebda dubbju f'dan ir-rigward ghax ir-rikorrent stess jammetti li "huwa impjegat mal-Public Works", li huwa kien gie sekondat mas-socjeta` intimata u li ntbaghat jahdem lura mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fejn kien jahdem qabel ma gie sekondat mas-socjeta` intimata. L-ilment veru tar-rikorrent, ghalhekk, ma jinkwadrax ruhu fl-artikolu 6 tal-Att VIII ta' l-1997. Infatti terminazzjoni ta' secondment ma tinkwadra ruhha fl-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) ta' l-ewwel subinciz ta' l-imsemmi artikolu 6. Huwa car li din l-allegazzjoni ma

taqax taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (c) sa (e) tal-imsemmi subinciz. L-allegazzjoni tar-rikorrent lanqas ma tinkwadra ruhha la taht il-paragrafu (a) u lanqas taht il-paragrafu (b) ta' l-imsemmi subinciz (1) tal-artikolu tal-Att in kwistjoni.

In fatti kemm il-paragrafu (a) kif ukoll il-paragrafu (b) jitkellmu "hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti" ta' ufficjali pubblici jew ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi. L-ebda wiehed minn dawn il-paragrafi ma jindika "terminazzjoni ta' secondment" bhala bazi li tirradika l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Ghaldaqstant, ilment dwar terminazzjoni ta' secondment ma jista' jkun qatt ikkunsidrat minn dan it-Tribunal. Jinghad ukoll ghall kull buon fini li "terminazzjoni ta' secondment" qatt ma tista' tigi interpretata bhala "trasferiment".

Illi r-rikorrent jidher ukoll li lmenta li ghadu sal-lum ma giex ikkumpensat ghad-dizabilita` permanenti li kien sofra. Ghal ragunijiet ovvji, pero` dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jikkunsidra lanqas din it-talba tar-rikorrent.

Illi galadarba l-ilment tar-rikorrent dwar it-Terminazzjoni tas-secondment tieghu ma jinkwadrax ruhu taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tas-subinciz wiehed (1) tal-artikolu 6 tal-Att in kwistjoni, dan it-Tribunal mhux kompetenti biex jikkonsidra dan l-ilment tar-rikorrent fir-rigward ta' l-intimat u ghalhekk dan l-ilment tar-rikorrent kontra l-intimat ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, anke li kieku ghas-sahha ta' l-argument "terminazzjoni ta' secondment" kellha titqies bhala "trasferiment" is-socjeta` intimata mhiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez. Infatti, skond l-artikolu 2 tal-Att in kwistjoni "ufficjal pubbliku" ghandha l-istess tifsir kif moghti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni. Ghar-ragunijiet diga` msemmija ma jistax ikun hemm dubju li r-rikorrent kien ufficjal pubbliku. L-istess kliem tar-rikorrent ma jhalli l-ebda dubju li r-rikorrent

stess jammetti li hu kien baqa' impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici anke meta huwa kien sekondat ma' Kalaxlokk Company Limited. Ir-rikorrent ghalhekk qatt u fl-ebda mument ma kien impjegat tas-socjeta` intimata. Huwa ovvju li socjeta` kummercjali, anke jekk il-gvern ikollu "shareholding' sostanzjali fiha, qatt ma tista' tkun f'posizzjoni li taghti "trasferiment" lill-ufficjal pubbliku. Se mai, huwa d-Dipartiment tal-Gvern koncernat li ghandu l-poter li jaghti "transfer" lil ufficjal pubbliku u mhux semplici socjeta` bhal ma hija dik intimata.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak li diga` intqal, fil-mertu, ma kienet saret l-ebda ingustizzja mar-rikorrent. Dan qed jinghad minhabba s-segwenti ragunijiet:

a) Mhux bizzejjed li r-rikorrent jallega li kienet saret xi ingustizzja mieghu. Biex dan it-Tribunal ikun jista' jilqa' t-talba tar-rikorrent, jinkombi fuqu li jipprova li saret mieghu xi distizjoni eskluzjoni jew preferenza indebita. Jekk ir-rikorrent jonqos il jaghmel dan, it-talba tieghu ma tistax tigi milqugha. Min-naha taghha, l-kumpanija tirrilevali hija kellha policy generali li ma zzommx haddiema jahdmu fuq light duties.

b) Ir-rikorrent ilmenta wkoll li b'rizultat tat-terminazzjoni tas-secondment tieghu mas-socjeta` intimata, hu kien naqas fil-paga. L-intimat jixtieq jirrileva li huwa ovvju li jekk ir-rikorrent kien qed jippercepixxi xi allowance metri kien sekondat mas-socjeta` intimata (u li allura din tnaqqsitlu meta kien mar lura ghax-xoghol normali tieghu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici) huwa kien qed jaghmel dan minhabba n-natura tax-xoghol li kien qed jaghmel waqt li kien hekk sekondat. Huwa daqstant ovvju li galadarba secondment min-natura tieghu huwa ta' natura temporanja u qatt ma hu permanenti, ir-rikorrent kien jaf jew missu kien jaf li kien ser jasal zmien meta s-socjeta` intimata ma kienx ser jibqalha bzonn tas-servizzi temporanji tieghu u li ghalhekk hu kien ser jerga' jmur lura ghax-xoghol normali tieghu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici bil-konsegwenza necessarja li ma jibqax jippercepixxi l-imsemmija allowance. Fi kliem iehor,

ir-rikorrent kien jaf jew missu kien jaf li tali allowance kienet ser tkun ghal zmien limitat u mhux ghal dejjem u ghalhekk issa ma jistax jilmenta li saret mieghu xi ingustizzja ghax ma baqax jippercepixxi tali allowance.

c) Illi in kwantu ghal dak li jghid ir-rikorrent li huwa kien ressaq il-kaz tieghu darbtejn quddiem id-Direttur tas-Sigurta' Socjali pero` ghadu sal-lum ma nghata l-ebda kumpens ghad-dizabilita` permanenti li kien sofra, s-socjeta` intimata tirrileva li hija mhix il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandha tigi liberata bl-ispejjez.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet jidher car li r-rikorrent ma kien sofra l-ebda ingustizzja u ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet u tal-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni li eccepew:

Ill r-rikorrent kien gie mpjegat bhala Labourer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-2 ta' April 1979. Hu kien lahaq il-grad ta' Motor Mechanic Auto Fitter fl-1 ta' Jannar 1981. Permezz tar-Riforma li sehhet fis-Settur Pubbliku fl-1 ta' Jannar 1991 ir-rikorrent kien gie assimilat fil-grad ta' Senior Tradesman fi Skala 14.

Illi d-Direttur tad-Dipartiment tax-Xogholijiet u l-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni ma humiex il-legittimi kontradittruri.

Illi d-Dipartiment tax-Xogholijiet kien ir-ricevitur u ma kellux parti attiva fit-trasferiment in kwistjoni.

Illi r-rikorrent kien gie sekondat mal-Kalaxlokk Co. Ltd. b'effett mill-4 ta' Novembru 1981.

Illi r-rikorrent kien intenzjonat li jigi trasferit lura fid-Dipartiment tax-Xogholijiet flimkien ma' 7 impjegati ohra fit-12 ta' Ottubru 1990.

Illi minhabba li kellu incident u hareg bl-injury on duty b’effett mill-11 ta’ Ottubru 1990, it-trasferiment tieghu kien gie mizmum temporanjament.

Illi wara li kien gie certifikat li r-rikorrent kien tajjeb ghax-xoghol minn Bord Mediku, ir-rikorrent kien gie trasferit ghal mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b’effett mis-26 ta’ Novembru 1990 kif kien intenzjonat.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat flimkien mad-dokumenti prezentati.

Ra r-risposta tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali li eccepixxa:

Illi jirrizulta manifestament mir-rikors promotur li l-intimat ma kellu qatt relazzjoni guridika mar-rikorrent.

Illi ghalhekk l-intimat kien gie inutilment intimat ghaliex huwa mhux legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant l-intimat talab li dan it-Tribunal joghgbu jiddikjara li l-intimat mhuwiex il-legittimu kontradittur li jigi liberat.

Ra l-elenku tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi fl-1 ta’ Novembru 2000 dan it-Tribunal iddecieda li f’ dan il-kaz ma hemmx terminazzjoni ta’ impjieg izda trasferiment lura u ghalhekk cahad l-eccezzjoni preliminari tal-Kalaxlokk Company Limited. Fl-istess data ddikjara li s-socjeta` N.O.V.I.T.A. Construction Company Limited ma taqax that il-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

Fis-6 ta' Gunju, 2001 ir-rikorrent irtira l-kawza fil-konfront tal-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni.

Ir-rikorrentipprezenta affidavit fejn semma li dahal jahdem mal-Gvern fis-snin sebghin bhala labourer mal-Public Works Department bhala auto-electrician fir-Red China Dock. Sena wara ghamel interview u ha promotion ghall-grad ta' fitter izda xoghlu baqa' l-istess ta' auto-electrician. Fl-1981 gie seconded ghal ma' Kalafrana Construction company li mbaghad saret Kalaxlokk Company Ltd fejn il-grad tieghu kien ta' auto-fitter u baqa' jaghmel dak ix-xoghol u fl-istess grad sa ma gie terminat is-secondment lejn l-ahhar ta' Ottubru 1990. Hu qal li xoghlu dejjem ghamlu tajjeb u qatt ma kellu nkwiet mas-superjuri tieghu.

Semma li fil-11 ta' Ottubru 1990 waqt li kien qed jerfa batterija ta' gaffa flimkien ma' haddiem iehor certu Noel Duca idu xellugija infetqet minn gewwa mill-polz sal-pala t'idi. Kellu jaghmel operazzjoni zghira izda din ma rnexxietx ghal kollox. Meta mar lura ghax-xoghol, is-Sur Paul Pace tal-Personnel tal-Kalaxlokk kien qallu li s-secondment tieghu kien gie terminat u kellu jmur lura mal-Public Works. Il-Pulbic Works izda kienu qalulu li l-ewwel kellu jsolvi l-problema ta' l-impjieg mal-Kalaxlokk. Mar lura l-Kalaxlokk u zammewh u qaghad jaghmel xoghol hafif. Ir-rikorrent qal li hu juza jdejh il-leminija l-aktar u ghalhekk xorta baqa' jista jaghmel ix-xoghol ta' auto-electrician.

Semma li fit-23 ta' Novembru 1990 is-secondment tieghu rega' gie terminat u kellu jerga jmur jahdem mal-Public Works u kienu baghtuh Hal-Kirkop fil-Garage tal-Gvern jaghmel xoghol ta' auto electrician. Qal li fil-Garage tal-Gvern kien hemm hafna aktar haddiema milli kien hemm bzonn. Semma li gieli ghamlu gimgha bla xoghol. Ir-rikorrent qal li hu kien jippreferi jibqa' mal-Kalaxlokk ghaliex il-paga kienet madwar Lm10 fil-gimgha oghla, kellu allowances li bhala medja qal li kienu jammontaw ghal xi Lm10 fix-xahar, u tilef mijiet ta' liri fis-sena f'overtime. Semma li shabu li kienu qed jaghmlu l-

overtime wara li telaq hu kienu qed idahhlu bejn Lm2,000 u Lm5,000 extra fis-sena.

Hu sostna li l-Personnel tal-Public Works kienu sabu li skond ir-records taghhom ir-rikorrent suppost kellu s-secondment tieghu terminat immedjatament wara l-istrajk tal-GWU li sar f' Gunju 1988 meta kien ser jidhol Malta d-destroyer Ark Royal. Dakinhar ir-rikorrent kien strajkja. Ftakar li wara dak l-istrajk, tnejn mill-auto-electricians shabu kellhom is-secondment taghhom terminat. Ir-rikorrent milli rrizultalu s-secondment tieghu wkoll kien gie terminat izda hadd ma qallu xejn u hallewh jahdem mal-Kalaxlokk. Ir-rikorrent qal li wara li wegga' kien talab lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali biex jara x'kumpens kellu jiehu minhabba li wegga' fuq ix-xoghol izda t-talba tieghu ma ntlaqghetx ghax skond huma d-dizabilita' li kellu ma gratx dakinhar. Hu kkonferma li ma kellu ebda incident iehor fejn wegga' idu x-xellugija. Kien appella quddiem l-arbitru u dan cahadlu l-appell. Semma li l-konsulent John Casaletto kien tah parir biex jerga' jaghmel operazzjoni ohra f'idu. Hu ghamilha u idu marret hafna ghall-ahjar izda xorta baqa' jsofri dizabilita` permanenti ta' 9%. Ikkonferma li sal-lum ghadu jaghmel ix-xoghol kollu ta' auto electrician li dejjem ghamel. Semma li mal-kumpanija Kalaxlokk kien jahdem ta' electrician fuq il-karozzi waqt li mal-Public Works kien jahdem ta' mechanic fuq il-karozzi. Ir-rikorrent qal li hu kien jaf li kien seconded mal-Kalaxlokk, u ghalhekk kien jaf li d-dipartiment jista' jghajjatlu lura.

Xehed <u>Manuel Cortis</u> Principal fil-Human Resources Section tal-Works Division. Semma li ilu mal-Works Division mill-1995 u f'dik il-kariga ilu minn Gunju li ghadda. Qal li qabel l-1987 kien ikollhom istruzzjoni mill-Ministeru lil min jibaghtu u lil min ma jibaghtux Kalafrana u dan bhala secondment u dawk li jkunu seconded mal-Kalafrana kienu jithallsu b'paga ta' grad oghla. Is-secondments kienu jigi terminati jew b'ordni mill-Ministeru jew inkella b'istruzzjonijiet minn Kalafrana mill-Monitoring Board. Semma li wara l-1987 mill-Kalafrana, Kalaxlokk bdew jitnaqqsu n-nies u x-xhud kellu lista ta' nies illi telqu minn Kalafrana flimkien mar-rikorrent. Qal li llum baqa'

biss zewg persuni hemmhekk bhala secondments. Semma li fl-1988 ir-rikorrent kien mar seconded l-MDC u f'Settembru 1988 gie tterminat mis-secodment tieghu minn ma' l-MDC u rega' mar il-Kalaxlokk, sakemm f'Novembru 1990 gie terminat bhala secondment mal-Kalaxlokk.

Dwar il-persuni li gew indikati a fol 22 tal-process li kienu naqsu minn Kalafrana mar-rikorrent qal li hu ma jafx ir-raguni ghalfejn dawn gew terminati. Qal li mar-rikorrent gew terminati tmien persuni u qal ukoll li li kemm qabel u kemm wara kien hemm persuni li gew tterminati mill-Kalafrana.

<u>Edwin Mamo</u> Administration Manager mal-Kalaxlokk ipprezenta affidavit fejn semma li r-rikorrent kien sekondat minn mal-Works Department ghal mal-kumpanija Kalafrana Construction Co. f'Jannar 1978 u mbaghad f'April 1986 giet imwaqqfa l-kumpanija Kalaxlokk u l-haddiema li kien hemm fil-kumpanija l-ohra gew assorbiti mill-Kalaxlokk. In-numru tal-haddiema kien madwar 1910. Qal li f'Jannar 1987 il-Kalaxlokk iddecidiet li n-numru tal-haddiema kellu jonqos. Semma li kemm dam sekondat mal-kumpanija Kalaxlokk ir-rikorrent kien jahdem fil-Plant Maintanance Repair Section fil-grad ta' Mechanical Auto Fitter. Ir-rikorrent f'April 1989 kien talab biex jibdel il-grad tieghu. Il-Works Department ghaddiet it-talba lill-Public Service Commission u dawn irrispondew li t-talba tigi ikkonsidrata meta r-rikorrent jirritorna mal-Works Department. Il-Works Department talab lill-kumpanija li r-rikorrent jirritorna lura fil-15 ta' Ottubru 1990 izda peress li r-rikorrent kien sofra injury fil-11 t'Ottubru huwa kien intbaghat lura fis-26 ta' Novembru 1990.

Qal li r-records u l-affarjiet imnizzlin ma jafhomx di xjenza propja u ma kkonsulta ma' hadd ta' qablu . Qal li d-decizjoni biex jitnaqqsu l-haddiema ttiehdet mill-Board of Directors tal-Kalaxlokk. Qal li l-Monitoring Board ma kienx fil-Kalaxlokk, izda l-funzjoni tieghu kien li jirregola x-xogholijiet li jsiru mill-Kalaxlokk u ma kellu l-ebda funzjoni amministrattiva mal-Kalaxlokk. Qal li ma jaqbilx ma' dak li hemm imnizzel hemmhekk bhala Monitoring Board, li kien

jiddeciedi kollox dwar secondments anzi l-Monitoring Board ma kienx jiddeciedi fuq secondments. Qal li fiz-zmien li l-persuni kienu on secondment mal-Kalaxlokk dawk baqghu mpjegati mal-Gvern izda kienu mislufin ghandhom u l-paga kienet tohrog mill-Kalaxlokk. Qal li llum-il gurnata ghad fadal persuna wahda, li huwa Surveyor li hu seconded. Qal li t-termination tar-rikorrent in partikolari, is-secondment kien mill-Public Works, u ma kellha xejn x'taqsam mal-injury tieghu.

Qal li r-rikorrent kienu jahdem fil-Plant Maintenance and Repair Section u l-Kalaxlokk kellha bzonn nies f'din is-sezzjoni u ghalhekk harget avvizi fil-gazzetta lokali dwar dak. Dak iz-zmien kellhom fuq tletin trakk jahdmu hemmhekk u ghalhekk ix-xhud ma deherlux li kienet min-naha taghhom li r-rikorrent intbaghat lura d-dipartiment tax-xoghlijiet. Qal li ma kellhom applikazzjonijiet godda minbarra ghal flok ir-rikorrent. Li kieku t-transfer lura sar fiz-zmien meta spicca t-Terminal 1, kien jemmen lill-kumpanija setghat baghtet lir-rikorrent hi pero` dak iz-zmien kien ghaddej full swing f'Terminal 1 u l-kumpanija kellha bzonn nies bhar-rikorrent li kien jahdem il-PMRS auto electricians, auto mechanics kollox. Qal li ma gewx impjegati nies ohra minflok ir-rikorernt. Qal li l-haddiema kienu jispiccaw grupp grupp per ezempju meta jitlesta x-xoghol tal-Marines Section, il-haddiema tal-Marine Section jispiccaw ukoll.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk jirrizulta li ttiehdet decizjoni fl-1990 biex ir-rikorrent jintbaghat lura mill-Kalaxlokk Company Limited ghal mad-Dipartiment tax-Xogholijiet. Irrizulta wkoll li dak iz-zmien kien ghad hemm bzonn tax-xoghol tar-rikorrent ghax ix-xogholijiet kienu ghaddejjin in full swing u kien necessarju li nies bhar-rikorrent jibqghu jahdmu mal-kumpanija. Dan jaghmilha cara li ma kien hemm ebda kaz ta' redundancy f' dak iz-zmien. Ma ngiebet ebda prova ta' nuqqas ta' xoghol tajjeb fil-konfront tar-rikorrent. Raguni valida ghat-transfer tieghu ma nghatatx, ghalkemm fil-kaz tar-rikorrenti mhux bhal fil-kaz ta' haddiema ohra dan ma kienx in segwitu tal-istrike meta dahal il-vapur tal-gwerra f' Malta. Ghalhekk it-Tribunal

isib li saret ingustizzja mar-rikorrent meta dan gie trasferit lura fl-1990. Kawza tat-transfer ir-rikorrent tilef xi Lm10 fil-gimgha izda fil-kaz tieghu dan beda mill-1990.

Hemm nuqqas ta’ ftehim bejn l-intimati u cioe` Kalaxlokk Company Limited u d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici dwar min ta l-ordni.

Id-Dipartiment tax-Xogholijiet isostni li d-decizjoni ttiehdet mill-Kalaxlokk u dan gie sostnut mis-Sur Emanuel Cortis. Il-Kalaxlokk issostni li t-trasferiment sar fuq talba tad-Dipartiment u dan gie sostnut mis-Sur Edwin Mamo. Fil-fehma tat-Tribunal iz-zewg partijiet ghandhom responsabbilta` ugwali u ghalhekk it-Tribunal isib li r-rikorrent ghandu jinghata kumpens finanzjarju, liema kumpens finanzjarju ghandu jithallas bin-nofs bejn id-Dipartiment tax-Xogholijiet u l-Kalaxlokk Company Limited.

Fir-rikors ir-rikorrent jilmenta milli sofra dizabilita` permanenti u ghalhekk talab kumpens taghha. Apparti mill-fatt li dan ma giex ippruvat mir-rikorrent u addirittura hemm ic-cahda mid-Direttur tas-Servizzi Socjali, din it-talba tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal.

Fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Galea vs Kalxlokk Company Limited et” deciza fit-30 ta’ Jannar, 2001 it-Tribunal qal:

“Dwar l-eccezzjoni li kumpens ghal disabilita’ mhix ta’ kompetenza tat-Tribunal jinghad li mhux kull allegata ingustizzja hija ta’ kompetenza tat-Tribunal izda kif hemm specifikat fl-Att VIII tal-1997 u senjatament l-artikolu 6 (1) kif indikat fis-sub-artikoli (a) sa (d). Huwa veru li bhala Tribunal ma ghandux ikun hemm interpretazzjoni ferm restrittiva, izda lanqas ma ghandu jkun hemm interpretazzjoni tant laxka ghax altriment naslu li nnehhu l-ligi relevanti [Ara decizzjonijiet tat-Tribunal fl-ismijiet “Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited et” deciza fid-19 ta’ Ottubru, 1999, u “Victor Bonavia vs Kummissarju tal-Pulizija deciza fis-7 ta’ Novembru, 2000]. Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet “Joseph Barbara vs Med Serv Limited” et deciza fl-10 ta’ Mejju, 1999 it-Tribunal

semma dettaljatament ir-rekwiziti ghal ilment taht l-Att VIII tal-1997:

“Minn ezami ta’ l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba’ rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta’ dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f’dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad “ u b’mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita’ ta’ dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista’ tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…” Fl-Att VIII tal-1997 pero’ kull ma jinghad hu “dwar kull wiehed min dawn li gejjin:..” u ghalhekk il-legislatur f’dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta’ portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem

dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi." Issa kif jidher car imkien ma hemm l-ebda referenza ghal xi kumpens ghal dizabilita' taht l-Att VIII tal-1997. Ghalhekk dan l-aspett tal-ilment ma jistax jigi ezaminat mit-Tribunal. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae*** sollevata mill- intimati."

Ghall-istess motivi fil-kawza odjerna it-talba ghal kumpens fuq id-dizabilita` permanenti li allegatament sofra ir-rikorrent mhix ta' kompetenza tat-Tribunal. Ghal dawn il-motivi jillibera lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali mill-ossservanza tal-gudizzju.

Dwar it-trasferiment jiffissa l-ammont ta' kumpens fl-ammont ta' Lm1000 [elf lira] liema kumpens ghandu jithallas bin-nofs mill-intimati Kalaxlokk Company Limited u bin-nofs mid-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici (Lm500 kull wiehed).

Spejjez tal-kawza ghall-intimati Kalaxlokk Company Limited u Direttur tax-Xogholijiet Pubblici hlief dawk relattivi ghall-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni, Direttur tas-Sigurta Socjali, u N.O.V.I.T.A. li ghandhom jithallsu mir-rikorrent.

--------------------------------TMIEM--------------------------------